EUROPA TOURS

8 t'ijiem

# Splendid Switzerland

*with a touch of France*

**Lausanne, Gruyere, Vevey, Montreux, Interlaken, Thun, Bern, Murten, Geneve & Gstaad**

**Il-Ħamis 06 t'Awwissu** Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-11:45 għall-flight KM492 li ttir fis-13.45 għal **Zurich** u naslu fit-16.10. Transfer bil-kowċ lejn il-belt kapitali tal-Isvizzera **Bern,** fejn iċ-ċentru tal-belt gie rikonoxxut bħala UNESCO Cultural World Heritage Site. Check in fil -**Hotel Kreuz Modern City** li qeda fiċ-ċentru tal-belt.

**Il-Ġimgħa 07 t'Awwissu** Breakfast u wara nesploraw il-belt sabiħa ta' **Bern** mat-tour leader. Immorru l-Bear Park, il-post fejn ser taraw l-annimali li taw l-isem lil din il-belt, it-town hall, Clock Tower, Einstein House, l-arloġġ astronomiku li jmur lura għas-seklu 15 u il-Katidral Gotiku tas-seklu 15. Fiċ-ċentru ta' Bern insibu diversi funtani b'statwi li jissimbolizzaw il-valuri u t-tradizzjonijiet ta' din il-belt. Ħin liberu biex tgawdu it-triq kollha arkati mimlija kollha ħwienet. L-eskursjoni ta' wara nofs in-nhar teħodna lejn **Rose Garden**, li hi l-aħjar post fejn tara il-veduta tal-belt il-qadima ta' Bern u x-xmara Aare. Inkompli l-vjagg tagħna lejn il-villaġġ pittoresk ta' **Murten** fuq il-Lag Murten. Naghmlu mixja mal-belt medjevali fejn nammiraw is-swar u t-torrijiet li idawwru din il-belt, il-bini storiku u tistgħu wkoll tgawdu l-veduti mill-isbah tal-belt u ta' Lake Murten. Ħin liberu u wara nirritornaw lura lejn Bern biex inkomplu ngawdu din il-belt.

**Is-Sibt 08 t'Awwissu** Breakfast u tluq lejn Lausann iżda qabel se jkollna eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Thun, Spiez u Interlaken** li jinsabu fil-qalba tal-**Bernese Oberland**. Nibew il-vjaġġ tagħna lejn **Thun** li jinsab fil-Canton ta' Bern. Flimkien mat-tour leader, nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw postijiet ta' interess fosthom il-kastell tas-seklu 12, city hall, il-knisja tal-belt, Wooden Bridge 'Untere Schleuse' li qiegħed fuq ix-xmara Aare, kif ukoll veduti tal-lag ta' Thun u Bernese Alps. Inkomplu lejn **Spiez** - belt żgħira pittoreska fuq ix-xatt tal-Lag Thun, fejn nistgħu ngawdu veduti spettakolari ta' l-**Alpi Svizzeri** u tal-lag. Spiez huwa famuż għall-kastell medjevali imdawwar b'vinji u ġonna b'veduti tal-Lag. Nkomplu lejn **Interlaken**, resort ta' fama mondjali mdawwar bil-muntanji Eiger, Monch, Jungfrau. Passiġġata matul it-triq prinċipali twassalna **Hohenmatte** - il-parti storika ta' Interlaken fejn nammiraw lukandi lussuzi u casinos li Interlaken hu famuża għalihom. Wara nkomplu lejn iċ-ċentru ta' **Lausanne** fejn ser noqogħdu ġol-lukanda ċentrali **Hotel Agora 4 Stars.**

**I-Ħadd 09 t'Awwissu** Wara l-buffet breakfast, nitilqu bil-kowċ lejn il-belt ta' **Geneve** fejn flimkien mat-tour leader naraw il-bini lussuż ta' Geneve, famuża għall-Head Quarters Internazzjonali bħal United Nations, WHO u Red Cross. Nagħmlu mixja matul il-lag ta' Geneve li huwa l-akbar lag fl-Ewropa ċentrali u li fih naraw il-funtana Jet D'Eau li ttajjar l-ilma l'fuq b'għoli ta' madwar 140 metru. Naraw ukoll l-English Garden li huwa wieħed mill-isbaħ parks ta' din il-belt, fejn naraw l-arloġġ magħmul mill-fjuri kkuluriti. Ikollna ħin liberu. Nkomplu l-vjaġġ lejn il-villaġġ ta' **Yvoire**, belt medjevali mibnija fil-bidu tas-seklu 14. Tinsab fuq ix-xatt tal-Lag ta' Ġinevra fin-naħa ta' Franza. Yvoire huwa mlaqqam bħala l- "Ġawhra tal-Lag" u kklassifikat fost l-isbaħ villaġġi fi Franza. L-aħħar waqfa se tkun ġewwa **Evian**, hija belt sabiħa fit-tarf tal-Lag Leman fl-Alpi Franċiżi magħrufa għall-ilma li hu popolari mad-dinja kollha. Dawra ma din il-belt u ħin liberu.

**It-Tnejn 10 t'Awwissu** Wara l-breakfast illum ser ikollna City Tour mill-iżjed interessanti mal-gwida tal-lokal madwar il-belt ta' **Lausanne** fejn ser ikollna l-opportunita li naraw Place De La Palud, Fountain of Justice, Hotel De Ville, il-Katidral ta' Lausanne u Escaliers du Marche. Wara nofsinhar ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing f'din il-belt ta' Lausanne.

**It-Tlieta 11 t'Awwissu** Wara buffet breakfast lestu l-cameras għax l-excursion tal-llum mimlija xenarju mill-isbaħ fejn se nżuru l-famuż **Glacier 3000** u il-villaġġ ta' **Gstaad**. Mal-wasla tagħna naqbdu cable car (extra) fejn nitilgħu fuq il-muntanja u nitpaxxew b'veduti mill-isbaħ b'muntanji miksija bis-silġ. Fuq il-muntanja hemm diversi attivitajiet x'wieħed jista' jagħmel fosthom l-alpine coaster (ħlas extra), il-Peak Walk by Tissot li hi mixja fuq pont li jagħqad żewġ Mountain Peaks (jiddependi l-kundizzjoni tat-temp – bla ħlas), l-Ice express chair lift Fun Park (Glacier Walk – bla ħlas) – insomma ġurnata mill-isbaħ mimlija memorji li ma tintesa qatt. Wara ser inżuru l-villaġġ famuż ta' **Gstaad**, wiehed mill-aqwa destinazzjonijiet maghrufa flis-Svizzera. Nieqfu għal sightseeing u ħin liberu, nirritornaw lura l-lukanda.

**L-Erbgħa 12 t'Awwissu** Eskursjoni ta' ġurnata fejn se nżuru diversi bliet li qedgħin mal-**Lac Léman** fin-naħa ta' lis-Svizzeera. Għalhekk wara l-kolazzjoni nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Château de Chillon** - ġawhra t'arkitettura mill isbaħ li qedgħa fl- isbaħ post immaġġinabli, f'**Lake Geneva**, eżatt fil-qiegħ ta' l-Alpi. Nagħmlu waqfa qasira għar-ritratti. Wara nkomplu lejn **Montreux**, post mill-isbaħ mimli b'siġar tal-palm u fjuri, imdawwar b'għadd ta'dwieli kif ukoll bl-Alpi. Nagħmlu dawra matul il-promenade u ħin liberu. Imiss li nżuru ġawhra oħra fir-Riviera Svizzera dik ta' **Vevey**. Nieqfu għal sightseeing u ser ikollna l'opportunita li naraw il-monument iddedikat lil Charlie Chaplin li għamel żmien jgħix hawn. Minn hawn inkomplu deħlin fil-qalba tal-kampanja Svizzerra sa ma' naslu **Gruyères**, li jinsab fil-Canton ta' Fribourg fl-Isvizzera, villaġġ medjevali bit-toroq antiki tiegħu. Hija destinazzjoni turistika popolari. Ikollna l'opportunita li nżuru fabbrika tal-ġobon Gruyere u xi naqra tasting tal-ġobon ma' tonqosx. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa l-fabbrika taċ-ċikkulata **Nestlé – Maison Cailler** - fejn għandna l-opportunita li nagħmlu tour (ħlas extra) ta' din il-fabbrika u inkunu nistgħu nduqu varjeta sħiħa ta' ċikkulata fl-aħħar tat-tour. Ikollkom ċans tixtru wkoll. Nirritornaw lura l-lukanda.

**Il-Ħamis 13 t'Awwissu** Breakfast u nħallu Lausanne biex immorru **Lyon** li hi it-tielet l-akbar belt fi Franza. Dawra ma din il- belt biex naraw l-aktar attrazzjonijiet popolari bħal Place des Terreaux, il-pjazza ewlenija tal-belt u postijiet oħra ta'nteress. Ħin liberu. Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Lyon għat-titjira KM483 li ttir fil-23.40 u naslu lura Malta fis-01.50

**Prezz kull persuna**
**Eskursjonijiet u Taxxi mħallsha**

| | **Prezz Skontat** |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1370 |
| Kamra żewġ persuni | €1375 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1660 |
| Tfal sa 11- il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €1260 |

**Prezz jinkludi:**
Titjira mal- KM Malta Airlines
20kgs Checked in Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
2 Iljieli f'Bern, Hotel Kreuz - 3 Star
5 iljieli -f'Lausanne, Hotel Agora 4 Star
Buffet Breakfast kontinentali kuljum
Kmamar bl-arja kkundizzjonata
Taxxi tal-ajruport
Tour Leader
Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
City Tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
F'kaz li għal xi raġuni jew oħra cable car ma jaħdimx, noffru alternattiva b'xenarji mill-isbaħ



